Skejjel Ewropej
Uffiċċju tas-Segretarju-Ġenerali

**Taqsima Pedagoġika**

**Ref.: 2007-D-441-mt-5**

**Oriġ.: EN**

# ĦARSIEN TAT-TFULIJA

Approvat mill-Bord ta' Tmexxija permezz ta' proċedura bil-miktub, imnedija fil-21 ta' April 2008, li ntemmet fit-13 ta' Mejju 2008.

# ĦARSIEN TAT-TFULIJA

## IR-RESPONSABBILTAJIET TAD-DELEGAZZJONIJIET NAZZJONALI, TAD-DIRETTURI U TA' L-GĦALLIEMA TA' L-ISKEJJEL EWROPEJ

### Kuntest

Il-protezzjoni u t-teħid ta' responsabbiltà għat-tfuliija hija naturalment ħsieb primarju tas-sistema ta' l-Iskejjel Ewropej. L-obbligu tal-prudenza u d-diliġenza jimponi lil dawk kollha li huma responsabbli biex jissorveljaw is-sistema (inklużi dawk li jieħdu sehem fil-ħatra tal-persunal u fit-tmexxija ta' l-istituzzjonijiet) biex iwettqu kull sforz possibbli biex dawn il-persuni li jaħdmu mat-tfal ikunu xierqa biex jagħmlu dan u biex it-tfal stess jevolvu f'ambjent edukattiv kemm jista' jkun ħieles minn kull periklu.

Il-fatturi segwenti kienu kkunsidrati fit-tħejjija ta' dan id-dokument:

- L-għarfien tad-diversità kbira fil-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jivverifikaw li l-impjegati potenzjali tagħhom ikunu adatti biex jaħdmu mat-tfal. Din id-diversità fil-prattika u fil-proċeduri għandha r-riskju li tesponi lill-Iskejjel għal ċertu diffikultajiet legali fil-każ ta' inċident;
- Il-problemi tas-saħħa u s-sigurtà li jkollhom jaffrontaw regolarment l-Iskejjel, u li huma stess iridu jsolvu, per eżempju fir-rigward ta' l-attivitajiet li jsiru barra mill-bini ta' l-istituzzjoni;
- L-importanza dejjem akbar li saret tingħata f'numru ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, għad-drittijiet tat-tfal, u fl-istess ħin, b'żieda ta' kawżi legali mressqa fil-każ ta' suspett ta' negliġenza.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, deher utli li jitħejja dokument uniku li jiġbor il-linji gwida ta' prattika tajba fl-oqsma tal-ħajja skolastika li huma marbuta mas-sigurtà, mas-saħħa, mal-benesseri fiżika, psikoloġika u spiritwali tat-tfal. Dan id-dokument iressaq linji gwida ġenerali. L-Iskejjel huma mistiedna biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fl-oqsma msemmija hawnhekk. Dan se jimponilhom, fil-maġġoranza tal-każijiet, li jelaboraw il-politika tagħhom li tkun aktar dettaljata skond is-sitwazzjoni lokali.

### Prinċipji

Huwa essenzjali li l-proċeduri tal-ħatra tal-persunal kollu u l-modalitajiet ta' superviżjoni jiggarantixxu lit-tfal kollha, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom u l-Iskola Ewropea li jattendu, l-istess livell ta' sigurtà u attenzjoni.

L-etika ta' kull Skola għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tar-rispett reċiproku tal-membri kollha tal-komunità skolastika b'mod li, fuq naħa, it-tfal ikunu mħeġġa jirrispettaw lilhom infushom u fuq l-oħra jitħares id-dritt tagħhom għall-intimità psikoloġika u fiżika. Fil-każ ta' kunflitt bejn it-tixrid ta' informazzjoni ta' natura personali u r-rispett tal-ħajja privata, id-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tagħhom għandhom jipprevalu fiċ-ċirkostanzi kollha.

Il-libertà individwali u d-dritt għad-dinjità huma drittijiet kostituzzjonali għal kulħadd u huma applikabbli għal dawk kollha involuti fl-edukazzjoni. Ir-rispett ta' dawn il-prinċipji jipprojbixxi fost l-oħrajn li fuq it-tfal issir kwalunkwe forma ta' vjolenza fiżika jew psikoloġika tkun xi tkun, inkluż kull tip ta' att punittiv degradanti.

Dawn id-drittijiet mhumiex subordinati għar-rispett mit-tfal ta' l-obbligi skolastiċi: ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem qatt ma jistgħu jkunu marbuta mar-rispett ta' l-obbligi tagħhom.

Għandu jkun assigurat li, fuq naħa, kull informazzjoni li tista' tqajjem xi tħassib dwar il-benesseri u l-protezzjoni tat-tfal għandha tingħadda lill-persunal adegwat / lid-Direttur ta' l-iskola, li fil-każ ta' bżonn jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali, u fuq l-oħra, li kull allegazzjoni tkun investigata bl-akbar serjetà.

Hu ta' importanza assoluta li tinftiehem u tiġi rispetta l-importanza straordinarja li s-sitwazzjonijiet kollha li b'xi mod jikkonċernaw il-protezzjoni tat-tfulija jiġu trattati b'mod sensibbli u b'rieda tajba.

Ir-responsabbiltà fil-konfront tal-protezzjoni tat-tfulija fl-Istat Membru kkonċernat għandha tkun iċċarata fil-każijiet kollha.

**Sitwazzjoni**

Fost id-diffikultajiet li s-sistema tiltaqa' magħhom biex tiżgura s-sigurtà tat-tfal, insibu ċertu numru ta' varjazzjonijiet inevitabbli peress li 27 pajjiż għandhom ir-regoli, il-prioritajiet u l-istrateġiji speċifiċi tagħhom fil-proċess biex jissekondaw l-għalliema fi ħdan l-14-il Skola li jinsabu f'seba' pajjiżi differenti.

Dawn l-aspetti speċifiċi huma:

- Liġijiet ferm differenti fir-rigward ta' l-età tal-maturità sesswali;
- Modalitijiet differenti fil-ħatra ta' l-għalliema, kemm f'termini ta' proċedura, ta' eżiġenzi u ta' prattika;
- Ir-responsabbiltà tad-Diretturi ta' l-Iskejjel biex jaħtru l-għalliema tar-Reliġjon u l-Morali;
- Differenti eventwali bejn ir-regolamenti u l-eżiġenzi fis-seħħ, fuq naħa, fi Stat Membru li jissekonda, u fuq l-oħra, fil-pajjiż fejn is-sekondat iwettaq l-attività professjonali tiegħu;
- Kunflitti eventwali bejn, fuq naħa, il-ħtiġijiet tat-trasparenza u, fuq l-oħra, tad-dritt ta' kull individwu għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu skond ir-regoli nazzjonali u l-liġi internazzjonali;
- Il-ħtieġa li jkunu sorveljati l-volontarji li jaħdmu mat-tfal fl-iskola;
- Il-ħtieġa li jkunu sorveljati l-persuni kollha li jiġu f'kuntatt mat-tfal;
- Il-ħarsien tat-tfal fl-aspetti kollha ta' l-edukazzjoni tagħhom.

Madankollu, huwa importanti li jkun żgurat li dawn id-diffikultajiet u ostakli identifikati hawnhekk ma jxekklux l-implimentazzjoni, f'kull skola, ta' *policies* dwar is-saħħa, is-sigurtà u l-protezzjoni tat-tfulija.

## 1. Politika dwar il-protezzjoni tat-tfal (aspetti ġenerali)

1.1 B'konformità mal-prinċipji dikjarati hawn fuq u għad-direttivi ta' hawn taħt, kull Skola għandha tħejji l-Politika tagħha dwar il-ħarsien tat-tfulija u tagħti d-dettalji tal-miżuri fis-seħħ (b'konsiderazzjoni wkoll tar-regolamentazzjoni fis-seħħ fil-pajjiż ospitanti). It-test ta' din il-Politika se jingħadda lill-ġenituri, li għandhom jieħdu sehem fit-tħejjija tiegħu. Il-pubblikazzjoni u t-tixrid tal-politika dwar il-protezzjoni tat-tfal huma indispensabbli biex ikunu assigurati t-teħid ta' responsabbiltà u r-rispett tagħha mill-membri kollha tal-komunità skolastika.

1.2 Il-parteċipanti kollha għandhom l-obbligu li jaġixxu fl-ispirtu ta' dawn il-prinċipji u li japplikaw il-Politika dwar il-ħarsien tat-tfulija ta' l-Iskola b'mod li jiggarantixxu l-benesseri ta' l-istudenti. Il-parteċipanti kollha tal-komunità skolastika għandhom josservaw dawn id-direttivi dwar il-ħarsien tat-tfulija u jaraw li qed jiġu rispettati.

1.3 B'mod li junu appoġġjati l-proċeduri ta' protezzjoni tat-tfulija f'kull Skola, kull istituzzjoni għandha taħtar uffiċjal responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal – jista' jkun id-direttur jew persuna maħtura minnu – biex tieħu ħsieb il-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali fuq miżuri speċifiċi marbuta mal-protezzjoni tat-tfulija u li jservi ta' riżorsa għal kull membru tal-persunal jew volontarju li għandu xi tħassib dwar il-pjan tal-protezzjoni tat-tfulija.

1.4 L-Iskejjel għandhom jinfurmaw lit-tfal, permezz tas-sillabi fil-qafas ta' suġġetti dwar l-edukazzjoni affettiva u sesswali, dwar il-perikli ta' l-abbuż psikoloġiku, fiżiku u sesswali, u fil-qafas tal-korsijiet dwar l-edukazzjoni personali u dwar is-saħħa, dwar l-effetti negattivi tat-tabakk, tal-konsum ta' l-alkoħol u l-abbuż mid-drogi. L-Iskejjel għandhom iħarrġu lill-istudenti dwar x'imġieba għandu jkollhom fuq l-internet u kif għandhom jevitaw biex jevitaw każijiet ta' *cyber-bullying*, akkużi foloz, eċċ.

## 2. Persunal

Il-persunal li għandu aċċess għall-istudenti ta' l-Iskejjel Ewropej (inklużi l-għalliema tar-Reliġjon) għandhom jipprovdu, qabel ma jibdew l-impjieg tagħhom, kopja taċ-ċertifikat tal-kondotta tagħhom jew ċertifikat ekwivalenti tal-pajjiż li minnu ġejjin jew fejn kienu impjegati qabel.

2.1 Persunal sekondat

Kull Stat Membru għandu r-responsabbiltà li jiżgura li l-persunal sekondat minnu fi Skola Ewropea, kemm jekk din tkun fuq it-territorju tiegħu u kemm jekk fi Stat Membru ieħor, ikun xieraq biex jaħdem mat-tfal u jilħaq l-eżiġenzi tar-regolamentazzjoni nazzjonali fis-seħħ fir-rigward ta' l-għalliema, inkluża dik li tikkonċerna l-ħarsien tat-tfal.

2.2 Għalliema tar-Reliġjon

Fil-każ ta' l-għalliema tar-Reliġjon, l-awtoritajiet reliġjużi li jaħtruhom għandhom jiżguraw li dawn huma persuni adattati biex jaħdmu mat-tfal u li jirrispettaw il-liġijiet lokali (speċjalment fil-qasam tal-ħarsien tat-tfal).

2.3 Għalliema reklutati lokalment

Kull Skola għandha r-responsabbiltà, fuq naħa li tiżgura li l-għalliema kollha reklutati lokalment (inklużi l-għalliema tar-Reliġjon) huma xierqa biex jaħdmu mat-tfal u, fl-istess ħin, li jirrispettaw ir-regolamenti lokali (b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tat-tfulija).

2.4 Persuni oħra li jaħdmu ma' l-istudenti mingħajr sorveljanza

Kull persuna li taħdem fi Skola u li tiġi f'kuntatt mat-tfal mingħajr sorveljanza għandha tkun suġġetta għal inkjesta b'konformità mar-regolamenti fis-seħħ. Biex ikunu osservati r-regolamenti fis-seħħ, irid ikun żgurat sakemm hu possibbli li dawn il-persuni mhumiex ta' problema.

2.5 L-Iskejjel għandhom jieħdu d-dispożizzjonijiet raġonevoli kollha biex jiżguraw li l-ebda persuna mhux awtorizzata ma tidħol fil-bini tagħhhom u l-viżitaturi awtorizzati jkunu faċilment identifikabbli.

2.6 Hu rakkomandat li d-Direttur u l-persunal kollu li jiġi f'kuntatt ma' l-istudenti jsegwu taħriġ li jippermettilhom jifhmu b'mod effikaċi r-responsabbiltajiet tagħhom fil-

qasam tal-ħarsien tat-tfulija. Dan it-taħriġ għandu jkun previst u programmat fil-pjanijiet ta' taħriġ tal-persunal ta' l-iskejjel.

## 3. Saħħa, sigurtà u kumdità

3.1 Fi ħdan l-iskola

Huwa essenzjali li l-persuni kollha li jaħdmu fi Skola Ewropa jsibu fiha ambjent sigur, b'saħħtu u komdu. Biex dan ikun garantit, l-Iskejjel għandhom iwettqu evalwazzjonijiet dettaljati tar-riskji u spezzjonijiet regolari tat-tagħmir ta' sigurtà, inaddfu regolarment is-sit, jimpenjaw lilhom infushom li jipprovdu alimentazzjoni bnina u prattiċi tajbin fil-qasam ta' l-iġjene u li jaraw li l-klassijiet ikunu komdi.

Huwa essenzjali li jkun assigurat li kull Skola tkun f'pożizzjoni li tirreaġixxi malajr u skond proċedura definita minn qabel fil-każ ta' kull inċident jew mard, inkluż permezz tal-ħatra u t-taħriġ fl-ewwel għajnuna ta' għalliema u ta' membri oħrajn tal-persunal (sakemm dan ma jmurx kontra r-regolamenti fis-seħħ) u li jżommu reġistru ta' l-inċidenti.

Fil-każ ta' bżonn, il-ġenituri għandhom jgħaddu lill-Iskola t-tagħrif meħtieġ fir-rigward ta' allerġiji jew problemi oħra ta' uliedhom, b'konsiderazzjoni ta' pariri mediċi, tax-xewqat tal-ġenituri u tar-rispett tal-konfidenzjalità.

3.2 Attivitajiet barra mill-bini ta' l-iskola

Waqt l-attivitajiet li jsiru barra mill-Iskola, din ta' l-aħħar għandha r-responsabbiltà li tiggarantixxi l-benesseri ta' l-istudenti (per eżempju billi tivverifika li kull ċentru ta' akkomodazzjoni magħżul biex jilqa' t-tfal huwa approvat mill-awtoritajiet pubbliċi lokali). Kull ħarġa skolastika għandha tkun is-suġġett ta' proċedura xierqa ta' evalwazzjoni minn qabel tar-riskji li fiha l-għalliema li se jakkumpanjaw lit-tfal waqt il-ħarġa għandhom ikunu involuti bis-sħiħ.

Il-ġenituri għandhom jinżammu infurmati bis-sħiħ dwar l-aspetti kollha tal-ħarġiet ta' l-iskola li fihom ikunu se jieħdu sehem uliedhom.

## 4. Implimentazzjoni u proċedura

4.1 Imġieba

Huwa essenzjali li kull Skola li jkollha proċeduri aġġornati, miftiehma u adattati għall-bżonnijiet u li jkunu jkopru l-bżonnijiet ta' l-istudenti ta' l-etajiet kollha. Hu essenzjali li l-parteċipanti kollha tal-komunità skolastika jkunu konxji mid-direttivi segwenti u jagħtu l-appoġġ tagħhom lejhom:

- Il-promozzjoni ta' imġieba raġonevoli u sigura fi ħdan il-bini ta' l-iskola, fil-kantin, waqt is-sigħat tal-lezzjonijiet u tal-ftuħ ta' l-iskola, qabel u wara l-attivitajiet skolastiċi kif ukoll fil-*privates* ta' l-iskola u waqt il-ħarġiet skolastiċi;
- Is-sorveljanza effiċjenti u l-miżuri xierqa ta' segwitu fuq l-attenzjoni ta' l-istudenti u l-assenzi tagħhom, awtorizzati u mhux, fi ħdan il-bini ta' l-istituzzjoni u barra minnu, inkluż ta' l-informazzjoni dwar studenti ikkonċernati b'nuqqas ta' attendenza regolari, ta' ħidma irregolari u ta' kondotta ħażina;
- Is-sensibilizzazzjoni ta' l-għalliema u ta' dawk kollha involuti fir-rigward ta' kemm hu importanti li jingħata eżempju tajjeb.

4.2 Sensibilizzazzjoni ta' l-istudenti għad-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom

L-Iskejjel Ewropej kollha għandhom joffru lill-istudenti u l-persunal kollu ambjent ta' rispett li jiggarantixxi komunikazzjoni xierqa bejn l-istudenti u l-għalliema, fil-klassi u barra mill-klassi, u li tħares lit-tfal minn kull forma ta' diskriminazzjoni. Kemm l-għalliema u kemm l-istudenti għandhom jevitaw il-preġudizzji bbażati fuq in-nazzjonalità, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, id-diżabilità, il-bżonnijiet speċjali, eċċ. B'konformità ma' dan l-objettiv, l-iskejjel għandhom jipprovdu edukazzjoni dwar ir-relazzjonijiet inter-personali, inkoraġġiment tar-rispett tal-prinċipji ta' l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet u ta' l-inklużjoni tal-membri kollha tal-komunità skolastika mingħajr distinzjoni ta' razza, nazzjonalità, reliġjon, orjentazzjoni sesswali, sess, diżabilità jew bżonnijiet speċifiċi.

4.3 *Bullying*

Kull skola għandha telabora u tippubblika :

- *Policies* u proċeduri ċari għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' imġieba ħażina fuq student minn student ieħor jew minn għalliem, kemm jekk din tkun fil-forma ta' agressjoni fiżika jew verbali, diretta jew indiretta (umiljazzjonijiet, xniegħat, *gossip*, eċċ);
- Kull skola għandha tħejji programm ta' ġlieda kontra l-persekuzzjonijiet fl-ambitu skolastiku (*bullying*) li jkun integrat fil-kalendarju annwali ta' l-attivitajiet skolastiċi. L-għalliema għandhom ta' l-anqas jirċievu taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar din it-tema waqt il-konferenzi pedagoġiċi.

4.4 Sistema ta' trattament ta' l-ilmenti

Kull skola għandha tħejji u timplimenta sistema ġusta u effiċjenti ta' kif jiġu trattati l-ilmenti, b'inklużjoni tal-punti li ġejjin:

- Informazzjoni ċara dwar il-proċedura li trid tiġi segwita biex jitressaq ilment (fil-Primarja ġeneralment għand l-għalliem prinċipali; fis-Sekondarja, normalment għand iċ-ċentru ta' konsulenza);
- Proċedura speċifika għas-segwitu għall-ilmenti li tipprevedi, fil-każ ta' bżonn, ir-rispett ta' l-anonimat ta' min ressaq l-ilment iżda anke li tiġi infurmata bis-sħiħ il-persuna li kontriha tressaq l-ilment;
- Żamma ta' reġistru dwar l-ilmenti mressqa u l-miżuri meħuda;
- Trażmissjoni ta' informazzjoni lill-membri tal-kommunità skolastika li għandhom ikunu infurmati dwar il-każ;
- Twaħħil tan-numri tal-linji tat-telefon lokali jew nazzjonali li jipprovdu għajnuna lit-tfal.

4.5 Proċeudri f'każ ta' allegazzjonijiet ta' abbuż:

Kull skola għandha tħejji u tippubblika proċeduri xierqa ta' kif jiġu trattati allegazzjonijiet ta' abbuż. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludi l-punti li ġejjin:

- Pjan ta' x'għandu jsir fil-każ ta' allegazzjoni ta' abbuż, kemm jekk ikun verbali, fiżiku, psikoloġiku jew sesswali. (Fil-każ li jkun seħħ abbuż, il-miżuri għandhom ikunu konformi mar-regolamentazzjoni u l-proċeduri fis-seħħ fil-pajjiż ta' fejn tkun tinsab l-iskola kkonċernata.)
- Pariri lill-persunal biex dan jitgħallem jagħraf is-sinjali u s-sintomi ta' abbuż fuq it-tfal, inklużi indikaturi fiżiċi, ta' imġieba jew fl-iżvilupp;
- Proċeduri ta' kif jiġu ġestiti rivelazzjonijiet mit-tfal;
- Responsabbiltajiet tal-membri kollha tal-persunal fil-qasam tal-ħarsien tat-tfulija;
- Responsabbiltajiet fil-konfront tal-persuni maħtura fl-Iskola;
- Dmir ta' komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-protezzjoni tat-tfal (Servizzi nazzjonali tas-saħħa jew pulizija);

- Restrizzjonijiet applikabbli għall-inkjesti fuq każijiet marbuta mar-regolarmenti dwar il-ħarsien tat-tfal fis-seħħ fil-pajjiż ta’ fejn tinsab l-iskola;
- Jeħtieġ ukoll li jkunu preċiżati r-responsabbiltajiet ta’ kif se jintalqgħu problemi jew allegazzjonijiet.

**Anness: Rakkomandazzjonijiet u lista ta' verifika għall-Politika u l-proċeduri dwar il-ħarsien tat-tfulija fl-Iskejjel**

**Sigurtà**

- Spezzjonijiet regolari, idealment frekwenti, tal-bini u tas-sit ta' l-Iskola mill-amministrazzjoni ta' l-istituzzjoni u mill-awtoritajiet tax-xogħlijiet pubbliċi, inkluż bini ġdid u l-bidliet li jsiru fil-bini.
- Tinstab soluzzjoni fi żmien raġonevoli għal riskji potenzjali skond l-urġenza ta' kull każ.
- Aġġornament ta' l-istudji dwar l-evalwazzjoni tar-riskji.
- Protezzjoni ta' l-istudenti kontra l-perikli marbuta waqt li jkunu qed iduru minn parti għall-oħra ta' l-iskola jew f'postijiet oħra taħt ir-responsabbiltà ta' l-iskola (per eżempju waqt ħarġiet u vjaġġi skolastiċi).
- Il-bini b'diversi sulari għandu jkollhom ħruġ ta' sigurtà, punti ta' aċċess prinċipali mgħammra b'bibien li jinfetħu l-barra u sinjali li juru l-aħjar mezz biex tevakwa l-bini b'mod urġenti.
- Organizzazzjoni regolari ta' eżerċizzji ta' evakwazzjoni: informazzjoni bil-miktub, lill-persunal u lill-istudenti, li tispjega bl-eżatt x'għandek tagħmel fil-każ ta' evakwazzjoni skond x'ikun il-każ (per eżempju fil-każ ta' ħruq); tħejjija ta' rapport wara kull eżerċizzju li juri kif twettaq u x'jista' jsir biex titjib is-sigurtà.
- Ħatra ta' persuna responsabbli mill-miżuri ta' sigurtà.
- Rispett tar-regoli lokali fir-rigward tas-sigurtà fil-laboratorji, per eżempju fir-rigward tan-numru ta' studenti, il-ħtieġa li tintlibes maskla jew nuċċali tas-sigurtà jew ta' ħwejjeġ protettivi, iż-żamma ta' prodotti kimiċi, il-ventilazzjoni u s-sorveljanza mill-għalliem tan-netwerks ta' l-elettriku.
- Spezzjoni regolari, minn kumpanija approvata, tat-tagħmir u l-materjal ta' l-edukazzjoni fiżika.
- Spazji rikreattivi ta' daqs xieraq li jkunu mgħammra u miżmuma b'mod korrett.

**Saħħa u iġjene**

- Tindif effiċjenti tal-bini ta' l-Iskola u b'mod partikolari fiż-żoni fejn jitħejja u jiġi kkunsmat l-ikel kif ukoll taż-żoni sanitarji (kmamar tal-banju u xawers).
- Ilma, sapun u apparat ta' tnixxif għandu jkun disponibbli fil-kmamar tal-banju.
- Rispett tar-regoli lokali kollha dwar il-kċejjen u dwar apparat ta' tisħin.
- Kontroll regolari tal-kwalità ta' l-ilma u l-iġjene ġenerali tal-pixxina b'konformità mar-regolamenti lokali fis-seħħ.
- Eliminazzjoni regolari ta' elementi ta' nuqqas ta' indafa bħall-graffiti, *chewing gum*, eċċ.
- Politika ta' ġlieda kontra l-abbuż tas-sustanzi (droga, alkoħol, tabakk, eċċ.).

**Kumdità**

Għandhom jitwettqu l-isforzi kollha possibbli fl-Iskejjel Ewropej kollha biex jiġu implimentati kundizzjonijiet tajbin ta' iġjene psikoloġika għat-tfal. Id-direttorat għandu jiżgura:

- Klassijiet, laboratorji u gyms imdawwla sew, imsaħħna u bl-arja meħtieġa u ta' daqs xieraq għall-gruppi li qed jużawhom.
- L-għamara skolastika għandha tkun ta' kwalità tajba u ta' daqs xieraq għall-istudenti li qed jużawha.
- L-istudenti kollha għandhom jiefqu biex jieklu f'ħin xieraq.

Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fid-dokument preżenti għandhom jiġu diskussi f'kull skola fi ħdan l-entitajiet ikkonċernati, bħall-Kunsill Edukattiv. Ir-Regolament Intern għandu jkun emendat b'konsegwenza ta' dan. Għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati u l-effetti tagħhom għandhom jiġu segwiti regolarment.